# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 277/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Darren Bonello**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Darren Bonello**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 64690(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 16.30hrs jew fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' Qalet Marku, Tul il-Kosta, Naxxar:

1. ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu b'xi mezz li jkun xi għasfur u għaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra u

dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm jew ġarr arma tannar li kienet ikkargata u bl-iskrataċċ fil-kompartament tagħha u barra mill-għata tagħha f'post fejn ma kienx permess l-isparar fuq il-kaċċa u dan bi ksur tar-Regolament 17 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita' ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(d), L.S. 549.42;

4. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaċċja kellu fil-pusses tiegħu *bird caller* u dan bi ksur tar-Reg. 7(2), L.S. 549.42;

5. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Mag. Dr. A. J. Vella LL.D. bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oġġetti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 Dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-Qorti ġiet mitluba wkoll illi, f'każ ta' ħtija, barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li

rat ir-Regolament 7(1)(d), 7(2), 12(1) u 17 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, illiberat lill-imputat mill-ewwel u mill-ħames imputazzjoni u sabitu ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għal multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) li *ai termini* ta' Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100) fix-xahar. F'każ li l-ħlas kien ħa jsir b'rati mensili, l-Ewwel Qorti ordnat li dan kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. *Ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat l-konfiska tal-*corpus delicti* nkluż l-oġġetti li ġew ippreżentati formalment mill-Prosekuzzjoni permezz tal-irċevuta "EM 5" fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2022. Finalment, fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għal perjodu ta' erba' snin minn dakinhar tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2022 fejn, filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, talab lil din l-Qorti sabiex:

*"1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellanti mill-ewwel (1) imputazzjoni in kwantu huwa akkużat bir-reat kif maħsub Regolament 12(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42; u mill-ħames (5) imputazzjoni in kwantu huwa akkużat li huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkanċella u jew tillibera f'dik il-parti li sabet ħtija;*

*2. Tħassarha u tirrevokaha in rigward tat-tieni, tielet u r-raba' akkuża u minflok tilliberah minn kull piena u ħtija;*

*b' mod alternattiv:*

*3. F'każ li s-sentenza tibqa' invarjata, tingħata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq tliet aggravji: wieħed isejjaħlu enunċazzjoni żbaljata tal-fatti u tad-dispożizzjoni tal-liġi, ieħor huwa dwar apprezzament ħażin tal-provi dwar il-ħin u l-aħħar wieħed huwa dwar il-piena.

Illi l-Qorti ser tibda billi tisħarreġ il-fatti li taw lok għall-proċeduri kriminali kontra l-appellant f'dan il-każ. Mir-rapport tal-Pulizija (Dok. "EM 1" – *a fol.* 4 *et seq.*) jirriżulta li fis-7 ta' Awwissu 2020 għal ħabta ta' 12.00pm il-Pulizija ġew infurmati li ġewwa l-blata ta' Qalet Marku viċin it-Torri ta' San Mark seta' kien hemm persuna b'vettura Toyota Rav 4 li allegatament kien qed jikkaċċja għat-tajr tal-ilma iżda meta l-Pulizija marret fuq il-post ma sabet xejn. Minkejja dan, għal ħabta ta' 4.30pm il-Pulizija kienet qed tagħmel ronda ħdejn Qalet Marku u viċin it-Torri ġie nnutat li kien hemm vettura Toyota Rav 4 bin-numru ta' reġistrazzjoni GBJ 427.

Illi fl-affidavit tiegħu **PC 217 I. Mizzi** (Dok. "EM 3" – *a fol.* 10 *et seq.*) jgħid li meta għal ħabta ta' 4.30pm hu u l-kollega tiegħu ħarġu mill-vettura, huma setgħu jisimgħu *bird caller* u għalhekk bdew mixjin fid-direzzjoni tiegħu. Jispjega li meta kienu kważi waslu sa ħdejn il-baħar huma ltaqgħu ma' persuna li kienet qed

timxi ma' tifel u l-ħsejjes tal-*bird caller* waqfu. F'dak il-mument ġie nnutat persuna oħra b'senter ħdejha ġo dura magħmula fil-blat. Jgħid li ġie mitkellma l-ewwel persuna li qal li kien qed jimxi u kien waqaf jitkellem ma' sieħbu li kien għall-kaċċa. Minn tfittxija li saret fuq din il-persuna ma nstab xejn u tħalla jkompli sejjer. Jgħid li l-persuna l-oħra kienet l-appellant li ġie nfurmat li huma kienu waslu hemm minħabba li kienu segwew il-ħoss tal-*bird caller* u għalhekk kienet ser isir spezzjoni fuq is-senter u fuq id-dura tiegħu. Jgħid li waqt it-tfittxija nstab *remote control* u meta ngħafset il-buttuna *"play"*, beda jdoqq il-*bird caller* li kien bl-istess ħsejjes li kienu nstemgħu qabel. Jingħad li l-*bird caller* instabet ftit tal-metri l-bogħod mid-dura. PC 217 Mizzi jgħid li l-appellant ċaħad li dak kien tiegħu u qal li minħabba f'hekk ma kienx lest jikkoopera. Jgħid li bdew jippruvaw jelevaw l-arma tal-appellant iżda huwa beda jirrifjuta li jċedi l-arma u f'dan il-mument intalbet l-assistenza u meta waslu Pulizija tad-distrett, reġa' ġie spjegat lill-appellant li kellu jobdi l-ordnijiet tagħhom. Jingħad li l-appellant allega li kienu qed imorru nies bil-kamera tar-ritratti u kienu jaħbu *bird callers* li huwa kien jaf fejn qegħdin iżda meta l-Pulizija flimkien mal-appellant marru fuq il-post indikat, kull ma nstab kienet biss *cushion*. Jgħid li eventwalment, wara li l-appellant tkellem ma' avukat ta' fiduċja tiegħu, huwa ta l-arma lill-Pulizija. Jgħid li l-appellant kien qal li l-Pulizija ma kienux semgħu l-*bird caller* pero' kienu semgħu l-għasafar li kienu għaddejjin. Jagħlaq l-affidavit tiegħu billi jgħid li l-Pulizija telqu minn fuq il-post fit-8.35pm.

Illi **PC 789 M. Said** ikkorrobora dan t'hawn fuq fl-affidavit tiegħu (Dok. "EM 4" – *a fol.* 16 *et seq.*).

Illi da parte tiegħu, l-appellant **Darren Bonello** (*a fol.* 30 *et seq.*) xehed li dakinhar tal-akkadut għal ħabta ta' 4.30pm huwa kien qiegħed għax-xogħol pero' jikkonferma li kien fuq il-post fis-6.30pm. Jgħid li mar għall-kaċċa u li kien qed jgħasses għal xi fniek u li f'xi ħin marret persuna ħdejh li kellha borża vojta u x'ħin raw il-Pulizija, dan il-persuna telaq jiġri. Jallega li l-*bird calle*r seta' kien ta' dan il-persuna u li kien għalhekk li fuqu ma sabulu xejn. Jispiċċa billi jgħid li d-dura tintuża' minn ħafna kaċċaturi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dak dwar enunċazzjoni żbaljata tal-fatti u tad-dispożizzjoni tal-liġi. Huwa jargumenta li fis-7 ta′ Awwissu 2020 l-istaġun għall-kaċċa tal-għasafar kien magħluq waqt li l-istaġun għall-kaċċa fuq il-fniek kien għadu miftuħ. Jargumenta li l-liġijiet li jirregolaw dawn iż-żewġ forom ta′ kaċċa huma indipendenti minn xulxin u li għalhekk il-liġi applikabbli fis-7 ta′ Awwissu 2020 kienet il-liġi li tirregola l-kaċċa tal-fniek. Jilmenta li ma jafx kif ġie liberat mill-ewwel imputazzjoni waqt li nstab ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba′ (4) imputazzjoni mentri mil-liġi fuq il-kaċċa tal-fniek ma hemm l-ebda regola dwar il-*bird caller*. Jilmenta li ma nġiebu l-ebda provi li huwa kien qiegħed f′post li fih ma setgħetx issir kaċċa u li għalhekk ma setgħax jinstab ħati tat-tieni (2) imputazzjoni.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li ladarba l-liġijiet ikunu fis-seħħ huma jkunu japplikaw bl-istess mod salv ċertu eċċezzjonijiet. Waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet hija li l-liġi speċjali tirbaħ fuq dik ġenerali.

Illi l-fattur li għandu jiġi determinat f′dan il-każ huwa jekk l-appellant kienx għall-kaċċa tal-fenek jew kienx għall-kaċċa tal-għasafar tal-baħar u jekk użax il-kaċċa għall-fenek bħala paraventu. Il-Qorti qed tgħid dan minħabba li jekk mill-fatti u l-provi mressqa jirriżulta li l-appellant kien għall-kaċċa tal-fniek allura tapplika liġi, waqt li tapplika liġi oħra jekk mill-fatti u l-provi jirriżulta li kien għall-kaċċa tal-għasafar.

Illi l-Qorti tirrimarka li ssibha diffiċli temmen li l-appellant kien għall-kaċċa tal-fniek ħdejn il-baħar minħabba li dan mhux il-ħabitat naturali tagħhom u stante li mir-ritratti li hemm fl-atti proċesswali jidher li fejn kien l-appellant kien hemm biss blat.

Illi jirriżulta li l-appellant ma qalx is-sewwa meta qal li r-*remote control* tal-*bird caller* ma kinitx tiegħu. Huwa jsemmi li kien mar ħdejh persuna jkellmu ftit qabel iżda fl-affidavit tiegħu PC 217 I.

Mizzi jsemmi li l-katusa fejn instab il-*bird caller* kienet mgħottija b'ġebla. L-appellant imkien ma jsemmi li l-persuna li waqfet tkellmu qabżet fid-dura tiegħu u ra tmexxi xi ġebla sabiex tgħatti l-katusa!

Illi l-Qorti lanqas ma tqis li hija kredibbli li *bird caller* ikun ta' xi ħadd ieħor li jkun ħallih hemm u dana peress li l-Qorti tistaqsi: min ser jieħu l-iskariġġ sabiex jarma *bird caller* u jħallih armat mingħajr superviżjoni bir-riskju li jiġi misruq? B'hekk din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li l-*bird caller* kien tal-appellant u għaldaqstant il-Qorti ser twarrab il-verżjoni mogħtija minnu li l-ħoss li semgħu l-Pulizija kien tal-għasafar u dana aktar u aktar meta jitqies li meta *bird caller* jiġi armat, dan jiġi armat sabiex jintuża'. Għalhekk il-Qorti hija moralment konvinta li l-ħoss li semgħu l-Pulizija kien dak tal-*bird caller*.

Illi l-Qorti tistaqsi: x'kien qed jagħmel persuna b'*bird caller* għall-kaċċa tal-fenek?! Il-Qorti staqsiet din id-domanda minħabba li minn dak li ngħad hawn fuq u mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirriżulta ben ċar li l-appellant kien qiegħed għall-kaċċa tal-għasafar.

Illi għamlet tajjeb il-Prosekuzzjoni li ħarrket lill-appellant bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi stante li l-appellant kien qed jagħmel kaċċa għall-għasafar u konsegwentement huwa regolat minn dawn ir-Regolamenti.

Illi jirriżulta paċifiku li fis-7 ta' Awwissu 2020 l-istaġun għall-kaċċa al-għasafar kien magħluq. Dan huwa fatt li ġie ammess ukoll mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu. Konsegwentement il-fatt innifsu li l-appellant kellu senter u kien għall-kaċċa tal-għasafar imur kontra l-liġi in kwistjoni ġialadarba l-istaġun għall-kaċċa tal-għasafar kien magħluq.

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ser tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant isostni li sar apprezzament ħażin tal-provi dwar il-ħin. Huwa jilmenta li fil-ħin indikat mill-Pulizija kien għax-xogħol fil-*barracks* tas-suldati hekk kif jixhed Stephen Ciangura li jiġi sid il-kumpanija li timpjegah. Jilmenta wkoll li ma jagħmilx sens li l-Pulizija għamlu erba′ siegħat fuq il-post minħabba *bird caller*.

Illi l-Qorti qrat bir-reqqa d-depożizzjoni mogħtija minn Stephen Ciangura (*a fol.* 35 *et seq.*) u fiha ma setgħetx issib dikjarazzjoni ċara li dakinhar tal-akkadut l-appellant kien jinsab għax-xogħol fl-4.30pm. Huwa jagħti numru ta′ dikjarazzjonijiet ġenerali imma ma jikkommettix ruħu fl-affermattiv li l-appellant kien għax-xogħol f′dak il-ħin. Kien għall-i*statement* dirett tad-difiża: *"Fl-erbgħa u nofs ta′ wara nofsinhar suppost kien għadu xogħol il-Barracks ta′ Ħal Saif qed tgħidilna"* (*a fol.* 37), li Ciangura wieġeb fl-affermattiv. L-aktar li din il-Qorti setgħet tislet mid-depożizzjoni ta′ Ciangura kien li l-appellant suppost kien għax-xogħol dak inhar u f′dak il-ħin pero′ dan mhuwiex biżżejjed. Ma′ dan il-Qorti żżid tgħid li meta ġie biex jiġu ppreżentati r-*records* intiżi li jipprova li l-appellant kien ix-xogħol, dawn ma nstabux.

Illi fid-dawl ta′ dan kollu l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata li ma temminx lill-appellant meta qal li f′dak il-ħin kien ix-xogħol. Apparti minn dan, jirriżulta wkoll mill-affidavits tal-Pulizija li huma damu fuq il-post minħabba n-nuqqas ta′ ko-operazzjoni tal-appellant u f′illi, fost l-oħrajn, l-appellant ma riedx jikkonsulta ma′ avukat u f′illi ried u ngħata ċ-ċans jagħmel hekk fejn baqa′ għaddej il-ħin.

Għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellant li jirrigwarda l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa li tara jekk din il-piena tirriżultax li tkun żbaljata fil-prinċipju jew tkunx waħda manifestament eċċessiva.

Illi mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta li hu ma nstabx ħati l-ewwel darba ta' ksur tar-Regolamenti in kwistjoni u apparti li tqis li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi, tqis ukoll li fiċ-ċirkostanzi m'hemmx għalfejn tiġi varjata. L-appellant għandu jifhem darba għal dejjem li għandu josserva l-liġijiet għaliex dawn qegħdin hemm biex jiġu osservati. B'hekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Darren Bonello u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**